# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 658/2016MH**

**Illum 3 ta' Diċembru, 2018**

**Best Deals International Limited (C35701)**

**vs**

**Charlton Chetcuti (ID 376578M) u Leticia Buhagiar sive Leticia Chetcuti (ID 113386M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tal-5 ta' Awwissu 2016** fejn ġie premess illi -

*"Illi l-konvenut fis-sena 2013 kien ingaġġat bħala delivery man għas-soċjeta' attriċi, fejn kien responsabbli għal delivery ta' għamara lill-klijenti tas-soċjeta' attriċi kif ukoll jiġbor il-ħlas mingħand l-istess klijenti;*

*Illi fis-sena 2014, l-atturi bdew jindunaw li l-konvenut ma kienx qed jikkonsenja l-ħlas kollu lis-soċjeta' attriċi. Meta kien jiġi mistoqsi għaliex kien qed jieħu parti mill-ħlasijiet kien jagħti sensiela ta' skużi, fosthom li nisihom id-dar jew fil-van tiegħu;*

*Illi l-Atturi f'April 2015 kkonfrontaw il-Konvenut bil-fatt li kellu jagħti s-soċjeta' attriċi mija u disa u tletin elf, sitt mija u disa' Euros u ħmistax-il ċenteżmu (€139,609.15). Il-Konvenut ammetta li kellu jagħti dan l-ammont u obbliga ruħu li kellu jħallas lura. Il-Partijiet ftehmu li jagħmlu skrittura fid-29 ta' April 2015 (Dok A) fejn il-Konvenut kellu jħallas somma ta' tletin elf (€30,000) immedjatament u pagamenti mensili ta' elf u ħames mija fix-xahar;*

*Illi l-Konvenut kkonsenja ċekk ta' oħtu, il-Konvenuta Leticia Buhagiar sive Leticia Chetcuti, liema ċekk (Dok B) ma ssarrafx, filwaqt li kien ħallas tmintax-il elf u erba mitt Euro (€18,400);*

*Illi l-Konvenut kompla jippresta s-servizzi tiegħu bħala delivery man sa Mejju 2016;*

*Jgħidu għalhekk il-Konvenut għaliex ma għandhiex dina l-Qorti -*

*1. Tikkundanna l-Konvenuta Leticia Buhagiar sive Leticia Chetcuti s-somma ta' tlettin elf Euro (€30,000), oltre l-imgħax legali*

*2. Tikkundanna lill-Konvenut Charlton Chetcuti iħallas lill-Atturi s-somma ta' mija u wieħed u għoxrin elf, mitejn u disa' Euros u ħmistax-il ċentezmu*

*(€121,209.15) jew bilanċ iehor in konsiderazzjoni ta' talba numru wiehed (1), oltre l-imgħax legali.*

*Bl-ispejjes u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Letizia Chetcuti tal-20 ta' Ottubru 2016**[1] fejn eċċepiet illi:

1. *"Illi qabel xejn, l-esponenti ma hijiex leġittima kontradittriċi fil-kawża proposta stante illi ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta` rikorrenti u l-esponenti, u dan stante illi kif jirriżulta proprju mir-rikors ġuramentat innifsu, l-ammont pretiż mis-soċjeta` rikorrenti huwa allegat dejn tal-konvenut l-ieħor f'din il-kawża, Charlton Chetcuti, u ma jirriżulta minn imkien li qatt b'xi mod u manjiera l-esponenti assumiet ruħha garanti versu s-soċjeta` rikorrenti.*

2. *Illi ukoll in linea preliminari r-rikors ġuramentat għandu jiġi respint fit-totalita` tiegħu bħala irritu u null fid-dawl tad-diversi nuqqasijiet ta' natura proċedurali illi jikkontjeni, senjatament is-segwenti:-*

[1] Fol 15 et seq

*(i)* *Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sew l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament u b'dikjarazzjoni speċifika ta' liema fatti huma personalment a konoxxenza tal-persuna li qiegħda tieħu l-ġurament kif irid l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii)* *Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes mir-raġuni għat-talba;*

*(iii)* *It-twissija meħtieġa fl-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hix skont kif rikjest tassattivament mil-liġi, u dan, inter alia, stante li ma tinsabx taħt l–intestatura tal-Qorti;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalita` tagħhom bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Charlton Chetcuti tal-20 ta' Ottubru 2016**[2] fejn gie eċċepit illi:

1. *" Illi qabel xejn, ir-rikors ġuramentat huwa irritu u null in kwantu illi ma jsegwix dak li hu proċeduralment tassattiv mil-liġi, u dan fid-dawl tad-diversi nuqqasijiet ta' natura procedurali illi jikkontjeni, senjatament is-segwenti:-*

(iv) *Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sew l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament u b'dikjarazzjoni speċifika ta' liema fatti huma personalment a konoxxenza tal-persuna li qiegħda tieħu l-ġurament kif irid l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

(v) *Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes mir-raġuni għat-talba;*

(vi) *It-twissija meħtieġa fl-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hix skont kif rikjest tassattivament mil-liġi, u dan, inter alia, stante li ma tinsabx taħt l–intestatura tal-Qorti;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari, it-talbiet mressqa permezz tar-rikors ġuramentat ma jistgħux jiġu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti stante*

[2] Fol 21 et seq

*illi l-ebda talba għal kundanna ma tista' tiġi akkolta mingħajr ma dina l-Onorabbli Qorti tintalab tiddikjara xi forma ta' responsabbilta` skont il-liġi.*

3. *Illi wkoll in linea preliminari, it-talbiet mressqa huma proċeduralment insostenibbli għaliex ma jagħtu l-ebda indikazzjoni a bażi ta' liema korp ġuridiku jew liema provvedimenti u artikoli tal-liġi qiegħdin jissejsu.*

4. *Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta bl-ispejjeż, u l-ebda ammont ma għandu jkun dovut lir-rikorrenti, in kwantu illi kwalsiasi talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan hekk kif għandu jirriżulta kjarament mill-provi u mix-xhieda tul il-mori tal-proċeduri odjerni, u senjatament għar-raġunijiet elaborati fid-dikjarazzjoni tal-fatti, u inter alia, għar-raġunijiet segwenti:-*

(i) *Hemm diversi inkorrettezzi u skorrettezzi fattwali fir-rikors ġuramentat promotur illi waħidhom ukoll għandhom iwasslu għal konvinċiment tal-ġudikant illi t-teżi tar-rikorrenti mhix kredibbli;*

(ii) *Mhux talli l-esponenti ma għandux jiġi kkundannat għal xi ammont, ikun xi jkun, iżda kif ser jirriżulta tul il-mori tal-kawża odjerna u dan stante l-kontro-talba li qiegħda tiġi ppreżentata kontestwalment, huma r-rikorrenti li għandhom jiġu kkundannati*

*jħallsu lura lill-esponenti dawk l-ammonti li approprijaw ruħhom minnhom.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jiġi elaborat matul is-smiegħ tal-proċeduri odjerni, t-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti u dikjarazzjonijiet illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi,*

*Bl-ispejjeż."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut, il-lista tax-xhieda u d-okumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-kontro talba ta' Charlton Chetcuti tal-20 ta' Ottubru 2016**[3] fejn ġie premess illi:

*"1. Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti jirreferi għad-dikjarazzjoni tal-fatti elaborata fir-risposta ġuramentata tiegħu għall-kawża proposta mis-soċjeta' rikonvenzjonata u jikkonferma bil-ġurament illi l-istess fatti għandhom jitqiesu bħala fatti intrinsikament parti mit-talba tiegħu f' din ir-rikonvenzjoni.*

[3] Fol 29 et seq

*2. Illi b' żieda mad-dikjarazzjoni tal-fatti li ssir referenza ghaliha fl-ewwel premessa ta' din ir-rikonvenzjoni, l-esponenti jzid is-segwenti:-*

*(i) Illi l-esponenti ffirma fuq l-iskrittura in kwistjoni biss u unikament fid-dawl taċ-ċirkostanzi, senjatament in vista tal-pressjoni kontinwa fuqu u oltre' minn dan fuq familjari tiegħu wkoll, speċjalment fuq oħtu u missieru, li jbati minn kundizzjoni kardjovaskulari u fid-dawl taċ-ċirkostanzi jista' jagħti l-każ ukoll illi l-esponenti ffirma fuq premessa żbaljata;*

*(ii) Illi pertinenti jingħad illi l-esponenti għadu sal-lum mingħajr informazzjoni dwar kif is-soċjeta' rikonvenzjonata waslet għall-ammont li talbitu;*

*(iii) Illi wara illi seħħ dan l-episodju, s-soċjeta' rikonvenzjonata approprijat ruħha mis-somma ta' tmintax- il elf u erba' mitt ewro (€18, 400) fil-konfront ta' l-esponenti meta arbitrarjament aġġustat l-ammonti ta' commissions li kienu dovuti u naqqset minnhom dan l-ammont.*

*(iv) Illi l-pressjoni kbira li kienet issir fuq l-esponenti wasslitu sabiex uża ċekk li kienet tagħtu oħtu ffirmat iżda vojt sabiex jgħaddih lil Karl Spiteri. Pertinenti jingħad illi kien Karl Spiteri stess illi kiteb iċ-ċekk, ossija lil min kellu jkun indirizzat u l-ammont.*

*(v) Illi Karl Spiteri kien jaf ben tajjeb li l-esponenti ma kellux f' idejh l-ammont imniżżel fiċ-ċekk li kienet tagħtu oħtu, il-konvenuta l-oħra f' din il-kawża, u kien jaf ben tajjeb ukoll illi oħt l-esponenti ma kellha l-ebda ħjiel li dan iċ-ċekk spiċċa f' idejh.*

*(vi) Illi Karl Spiteri saħansitra għamel żmien jhedded lill-esponenti illi ser juża ċ-ċekk li kellu f' idejh. Wieħed ma jistax ma jasalx għal*

*konklużjoni illi s-Sur Spiteri ma marx isarraf dan iċ-ċekk mill-ewwel għaliex kien jaf ben tajjeb li ma kellu l-ebda jedd jagħmel hekk.*

*(vii) Illi eventwalment Karl Spiteri mar il-Bank sabiex jittenta jsarraf dan iċ-ċekk minkejja li kien jaf ben tajjeb li ma kellu l-ebda jedd jaghmel dan, u qiegħed issa juża l-istess sabiex jipproċedi ġudizzjarjament ukoll kontra oħt l-esponenti, meta qatt ma eżistiet xi relazzjoni ġuridika bejniethom.*

*(viii) Illi l-esponenti ffaċċjat b' dan kollu ma kellux għażla oħra għajr illi jirrikorri għal din il-proċedura.*

***RAĠUNI TAT-TALBA***

*3. Illi din il-kawża hija mmirata sabiex dina l-Onorabbli Qorti, wara li tqis il-provi miġjuba fil-mori tal-kawża odjerna u ċ-ċirkostanzi partikolari marbuta ma' l-istess, tiddikjara illi ma jeżisti l-ebda dejn bejn l-esponenti u s-soċjeta' rikonvenzjonata, u konsegwentement tiddikjara wkoll illi l-kunsens ta' l-esponenti kien wieħed ivvizzjat skond il-Liġi b' dan illi jirrendi l-istess skrittura privata nulla u bla ebda effett u tordna lis-soċjeta' rikonvenzjonata sabiex tirrifondi lill-esponenti l-ammonti li hija approprijat ruħha minnhom.*

***TALBIET***

*4. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, ir-rikonvenzjonanti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex prevja kwalsiasi provvedimenti oħra illi jidhrilha xieraq u opportuni:-*

*(i) **Tiddikjara** illi d-dejn sabiex jitħallas l-ammont pretiż mis-soċjeta' rikonvenzjonata **qatt** ma eżista u għalhekk konsegwentement, stante*

*illi kull ħlas jissoponi dejn, l-ebda ħħas pretiż ma jista' jkun ġustifikat fl-assenza tad-dejn;*

*(ii)* ***Tiddikjara*** *għalhekk illi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi, jirriżulta illi l-kunsens ta' l-esponenti fuq l-iskrittura privata annessa mar-rikors ġuramentat promotur, kien wieħed ivvizzjat skont il-liġi;*

*(iii)* ***Tiddikjara*** *konsegwentement illi għalhekk l-iskrittura privata in kwistjoni hija waħda nulla u bla ebda siewi u effett;*

*(iv)****Tiddikjara*** *illi s-soċjeta' rikonvenzjonata għandha tirrifondi l-ammont ta' tmintax-il elf u erba' mitt ewro (€18,400) lill-esponenti;*

*(v)* ***Tordna u Tikkundanna*** *lis-soċjeta' rikonvenzjonata sabiex tirrifondi l-ammont ta' tmintax-il elf u erba' mitt ewro (€18,400) lill-esponenti bl-imgħaxijiet mid-data li fiha l-istess ammonti spiċċaw f' idejn is-soċjeta' rikonvenzjonata;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju bin-numru 180/16 kontra s-soċjeta' rikonvenzjonata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni u b' riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti skont il-liġi sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mal-kontro-talba.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' Best Deals International Ltd għall-kontro-talba ta' Charlton Chetcuti tat-3 ta' Novembru 2016**[4] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet -

*"1. Illi l-kontro-talba hija nulla u bla effett stante li l-konvenut rikonvenzjonat kellu juża azzjoni separata sabiex jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-iskrittura*

[4] Fol 50

*tad-29 ta' April 2015 huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-konvenut rikonvenzjonat kien ivvizzjat skond il-liġi, prinċipalment minħabba vjolenza;*

*2. Illi l-konvenut rikonvenzjonat naqas milli jelenka n-nullita' tal-iskrittura hawn fuq imsemmija fin-nota ta' eċċezzjonijiet annessi mal-kontro-talba;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, rigward il-meritu l-iskrittura tad-29 t'April 2015 kien sar volontarjament mill-konvenut rikonvenzjonat u ma sar l-ebda pressjoni fuqu sabiex jiffirma u lanqas ma kienu kellmu direttament jew indirettament sad-29 t'April 2015 lill-familjari u l-missier tar-rikonevenzjonat. Kien il-konvenut rikonvenzjonat li kien mar għandu oħtu u missieru sabiex jiffinanzjaw ir-rimbors mill-misappropriјazzjoni li kien għamel mis-soċjeta' attriċi;*

*4. Illi l-ħlas skond l-iskrittura tad-29 t'April 2015 kien sar volontarjament u skond it-termini tal-istess skrittura. Kien il-konvenut Rikonvenzjonat li naqas milli jkompli jagħmel il-ħlas wara li r-relazzjoni kummerċjali tiegħu mas-soċjeta' attriċi kienet ġiet terminata."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **is-sentenza preliminari tagħha tad-9 ta' Ġunju 2017**[5] permezz ta' liema laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Leticia Buhagiar u lliberatha mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż għas-soċjeta' attriċi.

Rat **il-verbal tal-21 ta' Frar 2018**[6] permezz ta' liema kien hemm qbil li jiġu trattati u deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' Charlton Chetcuti u

[5] Fol 98 et seq
[6] Fol 130

l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata fir-risposta tagħha għall-kontro-talba ta' Charlton Chetcuti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet[7] u rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwarhom.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**1. <u>L-eċċezzjonijiet preliminari ta' Charlton Chetcuti</u>**

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-konvenut tissolleva diversi mankanzi proċedurali li fil-fehma tiegħu iwasslu għall-irritwalita' u n-nullita' tal-azzjoni attriċi. L-allegati nuqqasijiet elenkati mill-konvenut huma li –

a. Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sew l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament u b'dikjarazzjoni speċifika ta' liema fatti huma personalment a konoxxenza tal-persuna li qiegħda tieħu l-ġurament kif irid l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Ir-Rikors  ġuramentat huwa nieqes mir-raġuni għat-talba;

c. It-twissija meħtieġa fl-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hix skont kif rikjest tassattivament mil-liġi, u dan, inter alia, stante li ma tinsabx taħt l-intestatura tal-Qorti.

[7] Traskrizzjoni a fol 132 et seq

Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-**artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li fuqu hija bbażata din l-eċċezzjoni jgħidu hekk -

*156. (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(.....); u*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.".*

Dwar l-implikazzjoni tad-diċitura f'dan l-artikolu li jirrikjedi tifsir "b'mod ċar u sewwa" tal-oġġett tal-kawża u "r-raġuni tat-talba", intqal hekk fil-każ **Jonathan Ellul et vs Jesmond Mercieca et deċiż fl-14 t'April 2016**[8] -

*"Kif qalet il-Qorti, fil-kawża* ***Jonah Caruana et vs Kummissarju tal-Artijiet et****, PA 14/01/2016, fuq it-tifsira tal-kliem 'tifsir ċar u sewwa tal-oġġett' u 'raġuni tat-talba' intqal hekk:*

*'Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispożizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att promotur ta' kawza minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Bosta minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta. Biż-żmien issawret it-tejorija, magħrufa bħala "tal-*

[8] Rik Gur 1190/10MCH

*ekwipollenti", li nisslet il-prinċipju li mhijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni*[9]*;*

*Illi, għalhekk, rikors maħluf m'għandux jitwaqqa' għajr għal raġunijiet gravi*[10]*.*

*Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, ir-Rikors Maħluf għandu jitwaqqa'*[11]*. Għaldaqstant, biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha*[12]*, u li tali tifsira, kif ingħad aktar 'il fuq, ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur*[13]*;*

*Illi huwa wkoll mizmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri*[14]*. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża*[15]*. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura ma jistax jingħad li l-att promotur huwa milqut min-nuqqas ta' siwi jew li l-proċedura ma tkunx tista' tiġi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet*[16]*;"*

Dan kollu jingħad ukoll f'sintonija mal-prinċipju li att ġudizzjarju kemm jista' jkun jiġi salvat u mhux annullat. Kif qalet il-Qorti fil-każ **Antonia Zahra vs Raymond Borg deċiż fid-29 ta' Settembru 2015**[17]**-**

*"Illi fl-ewwel lok jingħad li llum hija ġurisprudenza stabbilita' li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċita` u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.*

[9] PA 09/03/1965 fil-kawza fl-ismijiet **M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe**. (Kollez. Vol: XLIX.ii.809) 'imsemmija

[10] App 20/02/1935 fil-kawza fl-ismijiet **Merola pro et vs Caruso** (Kollez. Vol: XXIX..i.106)

[11] App 22/05/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Scicluna vs Xuereb et** (Kollez. Vol: LI.i.299); u Kumm 19/06/1989 fil-kawza fl-ismijiet **Frendo noe vs Attard noe** (Kollez. Vol: LXXIII.iv.971) u s-sentenzi hemm imsemmija

[12] PA 14/02/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Coleiro vs Ellul** (Kollez. Vol: LI.ii.779)

[13] App Kumm 20/01/1986 fil-kawza fl-ismijiet **Bonnici vs Zammit noe et** (Kollez. Vol: LXX.ii.243)

[14] App 07/03/1958 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone vs DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87)

[15] App 30/03/1998 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** (mhix pubblikata)

9

[16] PA 24/06/1961 fil-kawza fl-ismijiet **Falzon vs Spiteri et** (Kollez. Vol: XLV.ii.696)

[17] Rik Gur 1157/14

*Illi skont is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet* ***"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"*** *deċiża fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi "bħala regola, skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ" u "kif ġie ritenut minn dawn ilQrati, ir-rigorożita' proċedurali u l-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża" (****"Aquilina vs Cassar"*** *– Vol. LXXVI.iv.666).*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kaz tal-lum l-Qorti ssib li kemm l-oġġett tal-kawża attriċi huwa mfisser b'mod ċar u sew, kif ukoll ir-raġunjiet tat-talba huma ċari. Infatti huwa ben deduċibbli mill-premessi u t-talbiet fir-rikors promotur li l-għan tas-soċjeta' attriċi bl-intavolar tal-proċeduri odjerni huwa li tirkupra flus allegatament appartenenti lilha minn bejgħ ta' għamara lill-klijenti, liema flus hija tgħid li l-konvenut ma kkonsenjalhiex nonostante li huwa rċieva l-ħlas għan-nom tagħha mingħand l-istess klijenti mal-konsenja tal-istess għamara.

B'hekk l-intenzjoni tas-soċjeta' attriċi hija manifesta fir-rikors promotur u ma jokkorrux l-estremi tan-nuqqas ta' kjarezza ndikati mill-Qrati li jwasslu għall-preġudizzju għall-konvenut li jressaq difiża adegwata għal tali talbiet.

Il-Qorti hija wkoll sodisfatta li l-konvenut fehem tajjeb l-intenzjoni tas-soċjeta' attriċi u fejn trid tasal bil-kawża u dan huwa manifest mhux biss mill-fatt li huwa qiegħed jikkontesta fermement il-pretensjonijiet attriċi fil-mertu - fejn anke għamel dikjarazzjoni ġuramentata dettaljata tal-verżjoni tiegħu tal-fatti tal-każ -iżda saħansitra ntavola kontro-talba. Għalhekk in linea ma l-insenjament ġurispruidenzjali suċitat ebda pregudizzju ma jista hawn jiġi skontrat a dannu tal-konvenut.

Dwar it-twissija rikjesta skont l-artikolu 156 (1) (d) tal-Att, il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni tal-konvenut tirrażenta l-fieragħ. Filwaqt li dan ir-rekwiżit huwa

wieħed meħtieġ *ad validitatem* mill-liġi s-soċjeta' attriċi b'ebda mod ma naqset milli tosservah sempliċiment għax id-diċitura ndikata f'din id-dispożizzjoni tal-liġi tniżżlet **fuq** u mhux **taħt** l-intestatura tal-Qorti kif hemm indikat fl-artikolu in kwistjoni. Wara kollox l-għan tal-użu tal-kliem imsemmi huwa li jagħti avviż u nformazzjoni lil min jirċievi r-rikors ġuramentat bil-mod u ż-żmien ta' kif huwa għandu jiddefendi l-kawża. La fil-każ tal-lum dan l-għan intlaħaq għax il-kliem indikat mill-leġislatur fil-fatt tniżżel fil-bidu tar-rikors ġuramentat (u fil-fatt il-konvenut irreaġixxa tempestivament bir-risposta ġuramentata u l-kontro-talba tiegħu) dan il-kriterju tal-liġi huwa wkoll meqjus sodisfatt.

**Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut sejra tiġi miċħuda.**

**It-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-konvenut tgħid li it-talbiet mressqa fir-rikors ġuramentat ma jistgħux jintlaqgħu minn dina l-Onorabbli Qorti peress illi s-soċjeta' attriċi qegħda titlob il-kundanna għall-ħlas mingħajr ma talbet dikjarazzjoni ta' responsabbilta` skont il-liġi.

Fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Huwa pależi li t-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-konvenut tinkludi b'mod inerenti u impliitu dik ta' sejbien ta' responsabilta' b'dana li jekk it-talba attriċi eventwalment tiġi milqugħa ikun awtomatikament ifisser li l-konvenut huwa responsabbli għan-nuqqasijiet attribwiti lilu fir-rikors promotur b'dana li huwa jkollu jħallas dak mitlub jew parti minnu. Isegwi li l-fatt waħdu li ma hemmx talba speċifika għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' tal-konvenut ma twassalx għall-konsegwenza ndikata mill-konvenut fl-eċċezzjoni tiegħu.

Kif ingħad fil-każ **Joseph Schembri et vs Saviour Attard et deċiż fil-31 ta' Jannar 2014**[18] -

*"Hu prinċipju assodat li l-Qorti, fl-għoti tas-sentenza, tista' tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet u tagħti dawk id-deċiżjonijiet li jwasslu għat-talbiet dedotti, u dan anke jekk mhux mitluba speċifikament. Dawk id-deċiżjonijiet li huma impliċitament marbuta mal-każ u meħtieġa b'mod preliminari għal fini tat-talba, jistgħu jingħataw mill-Qorti bħala impliċitament neċessarji għal konklużjoni li trid tasal għaliha. Kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Testaferrata Abela v. Azzopardi****, deċiża fit-12 ta' Lulju 2007, "Jista' allura jiġri li kawżali, anke jekk mhux indikata, din f'ċerti każi tkun hekk insita u involuta fid-domanda li ma hemmx bżonn li tiġi espressa apparti". Id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-atturi jaslu għad-domanda tagħhom m'hemmx bżonn li jsiru fir-rikors promotur taħt forma ta' domandi għax hu impliċitu illi l-Qorti tista' tagħti kull dikjarazzjoni meħtieġa (ara f'dan is-sens* ***Sgueglia v. Meilaq****, deciza mill-Qorti t'Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri fit-2 ta' Ottubru 2008)."*

Ingħad ukoll hekk fil-każ **Maltacom plc vs Angelo Schembri deċiż fis-16 ta' Diċembru 2002**[19] -

*"......t-talba dikjaratorja preordinata għall-kundanna mhiex rekwiżit 'sine qua non' li mingħajra l-avviż hu monk. Hu paċifiku fil-ġurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tiġi inferita u jew sostenuta "per equipollens". (Vol XXXVI pI p105). U billi d-domanda għal kundanna għall-ħlas tas-somma tad-danni għandha impliċita fiha r-responsabilita' li tat lok għal dawk id-danni ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna mingħajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviż it-talba għad-dikjarazzjoni tar-responsabilita'.*

[18] Rik 1181/08
[19] App Nru 1575/98

*Jinsab in fatti stabbilit illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi." (Vol XXXIII pI p666)."*

**Għal dawn ir-raġunijiet suesposti anke t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut sejra tiġi miċħuda.**

2. **L-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' attriċi rikonvenuta**

Fl-eċċezzjoni preliminari tagħhom għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjent is-soċjeta' Best Deals International Ltd eċċepiet illi l-kontro-talba hija nulla u bla effett peress li Chetcuti kellu diġà azzjoni separata sabiex jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-iskrittura tad-29 ta' April 2015 hija nulla u bla effett a bażi ta' kunsens ivvizzjat skond il-liġi, prinċipalment minħabba vjolenza.

**L-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk –

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur*

*kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Fil-każ **Antonia Zahra vs Raymond Borg deċiż fit-18 ta' Lulju 2107**[20] ingħad hekk -

*"….l-Artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), jeżiġi li l-kontro-talba tal-konvenut trid tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba attriċi. Kontrotalba titqies ukoll li hija konnessa mat-talba attriċi fis-sens li trid il-liġi meta l-iskop tal-kontrotalba jkun li jpċċi l-kreditu pretiż mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn jew jimpedixxi l-azzjoni attriċi.*

*Fil-fatt fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Neg. Luigi Spiteri Debono v. Neg. Charles Darmanin noe** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ, fl-24 ta' April 1930, ingħad li r-rekwiżiti sabiex issir kontrotalba huma:-*

*"(a) la comunanza di origine delle due cause, ovverro*

*"(b) la eliminazione reciproca delle due domande.*

*"llli dan jissussisti meta "le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo".*

*Kif ukoll: "La riconvenzione essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi sudetti – communanza di origine delle due cause ovvero, la eliminazione reciproca delle due domande – in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi (Vol XXVII pI p895)".*

[20] Rik 1157/14

*Huwa meqjus li fil-każ in eżami, dak li fil-ġurisprudenza jissejjaħ bħala "la comunanza di origine delle due cause" huwa preżenti, in kwantu kemm it-talbiet attrici, kif ukoll dawk kontenuti fil-kontrotalba tal-konvenut jirriżultaw li kollha ġejjin mill-istess fatt, cioe' s-successjoni tad-decuius Carmelo Zahra. Filwaqt li l-attriċi tattakka t-testment tad-decuius u tikkontendi li s-suċċessjoni għandha tkun regolata bil-prinċipji relativi għas-suċċessjoni ab intestato sabiex hija tiġi dikjarata eredi universali, il-konvenut jikkontendi li t-testment huwa validu u li huwa l-eredi skont il-liġi. It-tnejn qegħdin jikkontendu l-eredita' ta' Carmelo Zahra.*

*Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Marzu, 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Carmel Farrugia v. Alexandra Farrugia*** *(ikkonfermata fis-sħiħ, salv għall-kap tal-ispejjeż, minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2005), fil-kuntest ta' kawża ta' separazzjoni fejn l-attur kien qiegħed jattakka l-kuntratt tas-separazzjoni a bażi li l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat, filwaqt li l-konvenuta kienet permezz tal-kontrotalba tagħha titlob l-eżekuzzjoni tal-istess kuntratt, li kien qed jiġi attakkat:*

*"Illi minn dan jirriżulta li l-legislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tiegħu kienet mhux biss li tiġi eliminata l-obbligazzjoni attriċi, jew ikkompensata, izda ukoll jekk id-domandi attriċi jiġu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.*

*"Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex żewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemgħu fi proċess wieħed, u b'hekk jigu evitati multiplicita' ta' kawzi bejn l-istess persuni, l-interpretazzjoni tal-istess artikolu għandha tkun waħda estensiva, imbasta l-bażi tal-istess tiġi rispettata u mhux żnaturata.*

*"Illi għalhekk fl-interprettazzjoni tal-fonti ta' origine tal-istess kontrotalba, u cjoe` il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn għandhom dejjem jiġu nterpretati fil-kumpless ta' ċirkostanzi li jagħtu ħajja għall-kawża u li jifformaw il-bażi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-leġislatur permezz ta' sub-artikolu (2) jestendi l-istess għal kull mezz li bih l-azzjoni attriċi tiġi estinta, jew l-effetti tagħha jiġu newtralizzata.*

*"Illi dan kollu għaliex "la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi". ("**Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et**" – P.A. (FGC) – 15 ta' Mejju,1998).*

*"Illi konsistentement mal-premess, ġew ammessi kontrotalbiet anke meta l-azzjoni attriċi hija waħda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eċċezzjonijiet li l-istess kawza timponi u dan proprju abbazi tal-artikolu 396(2) ("**Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et**" – RCP- 4 ta' Dicembru 1998).*

*"Illi dan kollu huwa konformi mal-ġurisprudenza preżenti li biha l-formaliżmu eseġerat għandu jiġi eliminat għall-kollox, b'dan li wieħed għandhu jagħti ħafna aktar importanza għas-sustanza milli għall-forma, u għandu jsir kull tentattiv sabiex jigu salvati l-atti ġiudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intiżi għal tali skop, u ineffetti ikkanonizzaw il-ġiurisprudenza moderna u konstanti tal-aħħar snin."*

*Għalkemm dan il-każ kien jittratta kuntratt ta' separazzjoni, mhux testment, il-principji jibqgħu l-istess u din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-prinċipji appena enunċjati u tagħmilhom tagħha wkoll.*

*Fil-kuntest tal-petitum, jingħad ukoll li meta l-konvenut permezz ta' talba rikonvenzjonali jieħu spunt mill-azzjoni attriċi u apparti li jirreżisti u jopponi għaliha, jressaq kontrotalba fejn jitlob ġudizzju favorevoli għalih oltre s-sempliċi ċaħda tat-talba attriċi, jista' jingħad li dik il-kontrotalba ittendi tisposta l-limiti tal-proċediment mibdi mill-attur fil-kawża, li jkunu ffissati permezz tat-talba attriċi oriġinali. Dan, pero`, ma jnaqqasx mill-validita` tagħha. Fil-fatt kif kellha okkażjoni din il-Qorti tispjega fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu, 1996, fil-kawża fl-ismijiet* ***Paul Gambin v. Frank Gambin pro et noe:***

*"La riconvenzione dicesi eccezzione non in senso stretto, ma in senso largo, inquantocche' il convenuto puo' opporre in giudizio all-azione contro di lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione: cioe' domanda quell che gli si deve nello stesso tempo in cui si agise contro di lui e nello stesso giudizio.*

*" Vi e' riconvenzione, semprecche' per eccezione ad una domanda principale, si opponga un altra domanda egualmente principale. " (Vol. XI, p. 78)*

*"…Kif fuq indikat il-kontro-talba hi meqjusa bħala azzjoni separata, distinta u prinċipali u ma hemm xejn x'josta li l-Qorti tilqa' kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba f'ġudizzji allura separati u distinti imma naturalment fl-istess proċess."*

*Ovvjament jibqa' l-fatt li t-talba rikonvenzjonali trid necessarjament tibqa' tiddependi minn fatti li huma kollegati ma' dawk kontenuti fid-domanda attriċi. Ir-rikonvenzjoni huwa istitut li permezz tiegħu jingħaqdu żewġ azzjonijiet awtonomi fi proċediment wieħed u uniku, basta tibqa' tipprevali l-konnessjoni mahsuba fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Sakemm tibqa'*

*tissussisti l-konnessjoni jew il-komunanza malazzjoni attriċi, u ma jkunx hemm spustament drastiku tal-causa petendi, iż-żewġ azzjonijiet jistgħu jipproċedu simultanjament. Fil-fatt, l-istess provvedimenti dwar ir-rikonvenzjoni jikkontemplaw li talba rikonvenzjonali jkollha l-elementi kollha t'azzjoni awtonoma fil-konfront tal-azzjoni attriċi, tant li l-Artikolu 401 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li f'każ ta' rinunzja għall-atti mill-attur mhix ta' xkiel li tiġi deċiża l-kontrotalba fil-mertu proprju tagħha."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija destinata li tfalli.

In kwantu kif konfermat fil-ġurisprudenza suċċitata t-talba rikonvenzjonali trid neċessarjament tibqa' tiddependi minn fatti li huma kollegati ma' dawk kontenuti fid-domanda attriċi l-Qorti tqis li fil-każ tal-lum dan il-kollegament ta' fatti huwa ben rintraċċabbli.

Jirriżulta li t-talba tas-soċjeta' attriċi hija sabiex Charlton Chetcuti jiġi kkundannat iħallas is-somma flus allegatament dovuti lilha u li mill-premessi ndikaw ukoll li l-istess konvenut kien ammetta li kellu jagħtiha tant li obbliga ruħu li jagħmel dan permezz tal-iskrittura tad-29 ta' April 2015. Filwaqt li t-talba tal-konvenut rikonvenjent hija li l-Qorti tiddikjara li l-ammont pretiż minn tali soċjeta' mhux dovut għax id-dejn imsemmi mill-attriċi qatt m'eżista u wkoll li l-iskrittura privata msemmija, u li s-soċjeta' attriċi qed tuża bħala arma favuriha, hija nulla għax il-kunsens tal-konvenut rikonvenjent huwa wieħed vizzjat bil-konsegwenzi kollha li dan iġib inkluż ir-rifużjoni tal-ammont li diġa' kien ħallas lis-soċjeta' attriċi.

Dan kollu juri l-konnessjoni ċara u nkonfondibbli bejn iż-żewġ azzjonijiet u l-Qorti la tara spustament drastiku tal-*causa petendi* u wisq inqas żnaturazzjoni

tal-bażi tal-azzjoni. B'hekk kemm l-azzjoni tas-soċjeta' attrici u l-kontro-talba tal-konvenut jistgħu jipproċedu simultanjament fil-proċeduri odjerni.

**Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi respinta.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut Charlton Chetcuti bl-ispejjeż kollha marbutin magħhom ikunu a karigu tiegħu; u**

**2. Tiċħad ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata fir-rigward tal-kontro-talba tal-attur bl-ispejjeż kollha marbutin magħha ikunu a karigu tal-istess soċjeta'.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Deputat Reġistratur**